VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,575, 13 ta' Mejju, 2016*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru XXV tal-2016**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) li jirrigwardaw il-liġi fuq il-beni, billi jiddefinixxi r-regoli dwar il-perimetru tal-kosta u l-art ta' mal-plajja, jikklassifika proprjetà li s-sid tagħha hu l-Gvern, jiddefinixxi u jintroduċi regoli dwar il-kunċett ta' demanju pubbliku u regoli dwar id-dmirijiet ta' u l-obbligi fuq il-Gvern fl-amministrazzjoni tiegħu ta' proprjetà fid-demanju pubbliku, jirregola l-proċedura u l-effetti tat-tismija u d-deklassifikazzjoni fir-rigward tad-demanju pubbliku, jintroduċi regoli dwar ir-reġistrazzjoni ta' proprjetà fid-demanju pubbliku u jindirizza l-impatt tal-emendi fuq drittijiet privati u fuq liġijiet oħra li jirrigwardaw il-kultura jew l-ambjent, jew fuq liġijiet oħra speċjali eżistenti li jaffettwaw proprjetà tal-Gvern.**

**ACT No. XXV of 2016**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to further amend the provisions of the Civil Code (Cap. 16) relating to the law of things, defining the rules on the coastal perimeter and the foreshore, classifying property in ownership of the Government, defining and introducing rules on the concept of the public domain and rules on duties and limitations on the Government in its administration of property in the public domain, regulating the designation and declassification procedures and effects in relation to the public domain, introducing rules on the registration of property in the public domain and addressing the impacts of the amendments on private rights and on other existing cultural, environmental and other special laws affecting Government property.**

VERŻJONI ELETTRONIKA



Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

13 ta' Mejju, 2016

**ATT Nru XXV tal-2016**

*ATT biex ikompli jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) li jirrigwardaw il-liġi fuq il-beni, billi jiddefinixxi r-regoli dwar il-perimetru tal-kosta u l-art ta' mal-plajja, jikklassifika proprjetà li s-sid tagħha hu l-Gvern, jiddefinixxi u jintroduċi regoli dwar il-kunċett ta' demanju pubbliku u regoli dwar id-dmirijiet ta' u l-obbligi fuq il-Gvern fl-amministrazzjoni tiegħu ta' proprjetà fid-demanju pubbliku, jirregola l-proċedura u l-effetti tat-tismija u d-deklassifikazzjoni fir-rigward tad-demanju pubbliku, jintroduċi regoli dwar ir-reġistrazzjoni ta' proprjetà fid-demanju pubbliku u jindirizza l-impatt tal-emendi fuq drittijiet privati u fuq liġijiet oħra li jirrigwardaw il-kultura jew l-ambjent, jew fuq liġijiet oħra speċjali eżistenti li jaffettwaw proprjetà tal-Gvern.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

Kap. 16.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2016 li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 3), u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi".

Emenda tal-artikolu 311 tal-Kodiċi.

**2.** L-artikolu 311 tal-Kodiċi għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu, u minnufih wara s-

subartikolu (1) għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(2) Il-"perimetru tal-kosta" huwa dik il-parti tal-art li tinsab ħmistax-il metru ’l ġewwa mil-linja tal-kosta, kemm jekk din tkun art ta’ mal-plajja, massa ta’ art jew irdum, jew tkun taħlita tagħhom u, fejn l-art ta’ mal-plajja testendi għal aktar minn ħmistax-il metru, sal-limitu tal-art ta’ mal-plajja.

"L-art ta’ mal-plajja" hija dik il-parti tal-perimetru tal-kosta, inkluż fejn teċċedi ħmistax-il metru, li normalment tkun mgħottija bl-ilma minħabba fl-azzjoni tal-mewġ u li l-użu tagħha hu ristrett b’dan il-fatt. L-art ta’ mal-plajja testendi għal sa fejn tilħaq l-ogħla mewġa u, ukoll jekk tinsab lil hinn minn fejn jilħaq il-mewġ, sal-limiti ta’ kull xtajta:

Bil-kundizzjoni li l-art ta’ mal-plajja ma tistax testendi fuq jew ’il quddiem ta' triq pubblika li taqa’ taħt skema.

Għall-finijiet ta’ dan is-subartikolu:

(a) "xtajta" hi dik il-parti tal-art li hi kontigwa għal-linja tal-kosta, irrispettivament minn kemm testendi ’l ġewwa, li min-natura jew karatteristiċi tagħha hi ddestinata għall-użu pubbliku skont in-natura tagħha u skont kwalunkwe liġi li minn żmien għal żmien tirregola l-ippjanar tal-iżvilupp;

(b) "massa ta’ art" jew "rdum" hi dik il-parti tal-perimetru tal-kosta li hi ogħla mill-baħar, ma tistax tintlaħaq mill-baħar u, jew mhix soġġetta li tiġi mgħottija b’xi mewġa; u

(ċ) "il-linja tal-kosta" hija l-profil tal-art li hi l-ħin kollu f’kuntatt dirett mal-baħar; iżda meta l-linja tal-kosta tinbidel minħabba f’tgħawwir jew kollass, il-linja bażi għall-kalkolu tal-perimetru tal-kosta għandha tiġi aġġustata skont hekk minn żmien għal żmien mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta’ kwalunkwe liġi li tirregola l-ippjanar tal-iżvilupp.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(3) Kull titolu jew dritt privat fuq l-art ta' mal-plajja għandu jiġi reġistrat fir-reġistru rilevanti skont il-liġi applikabbli qabel ma jiskadu għaxar snin mid-data msemmija.

(4) Mollijiet fejn titgħabba jew tinħatt il-merkanzija, mollijiet fejn jorbtu l-bastimenti u kostruzzjonijiet oħra f'portijiet, f'postijiet għall-iżbark u ċentri ta' *yachting* għall-irmiġġ ta' bastimenti, *yachts* u opri tal-baħar oħra li jintużaw fin-navigazzjoni, jew għal inġenji tal-ajru, jew biex jitqabbdu magħhom pontuni, mollijiet f'wiċċ l-ilma fejn titgħabba jew tinħatt il-merkanzija, jew għal tarzna, triqat u passaggi ta' aċċess, jew strutturi oħra bħalhom f'dawn iż-żoni, għandhom jiġu regolati bid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet speċjali li jirregolaw dawn il-ħwejjeġ u l-frażijiet "mollijiet fejn titgħabba jew tinħatt il-merkanzija", "portijiet", "postijiet għall-iżbark", "ċentri ta' *yachting*" u frażijiet oħra relatati magħhom għandu jkollhom it-tifsiriet mogħtija lilhom b'dawn il-liġijiet speċjali.

(5) Għalhemm ikunu kontigwi mal-baħar, dawn il-mollijiet fejn titgħabba jew tinħatt il-merkanzija u kostruzzjonijiet oħra u ż-żoni fi ħdan portijiet -

(a) għandhom jiġu kkunsidrati bħala proprjetà pubblika, bla ħsara għal titoli privati u jeddijiet fuqhom; u

(b) ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala parti mill-perimetru tal-kosta għall-finijiet ta' dan il-Kodiċi sa dak iż-żmien meta xi parti minn dawn iż-żoni, li tkun f'idejn il-Gvern, tiġi dikjarata u reġistrata bħala art fid-demanju pubbliku, bla ħsara għal titoli privati u jeddijiet fuqha, kif previst fit-Tielet Skeda.

(6) F'dan l-artikolu:

(a) it-terminu "data magħżula" għandha tkun dik id-data stabbilita fil-Gazzetta tal-Gvern b'ordni tal-Ministru responsabbli għall-Artijiet;

(b) il-frażi "demanju pubbliku" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fit-Tielet Skeda;

VERŻJONI ELETTRONIKA



(ċ) il-frażi "proprjetà pubblika" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 327 ta' dan il-Kodiċi; u

(d) "ir-reġistru rilevanti" tfisser ir-Reġistru Pubbliku jew ir-Reġistru tal-Artijiet jew xi reġistru ieħor li jkun hemm minflokhom.".

Tħassir tal-artikolu 327 tal-Kodiċi.

**3.** L-artikolu 327 tal-Kodiċi għandu jiġi mħassar.

Żjieda ta' Titolu ġdid mal-Kodiċi.

**4.** Minnufih wara l-artikolu 326 tal-Kodiċi għandu jiżdied it-Titolu ġdid li ġej:

"Titolu IIA

FUQ IL-PROPRJETÀ TAL-GVERN

Proprjetà pubblika vakanti.

327. (1) Il-Gvern hu s-sid ta':

(a) il-beni kollha li jakkwista skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew xi liġi speċjali oħra, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "proprjetà pubblika"; u

(b) il-beni kollha li jiffurmaw parti mid-demanju pubbliku, li l-Gvern ikun is-sid tagħhom bħala riżultat tas-sovranità tiegħu, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "demanju pubbliku".

(2) Il-Gvern hu s-sid ta' proprjetà vakanti.

(3) Proprjetà li l-Gvern hu s-sid tagħha tista' tkun soġġetta għal jeddijiet privati b'dak il-mod u sal-limitu stabbilit f'dan il-Kodiċi u liġijiet oħra speċjali.".

Żjieda ta' Skeda ġdida mal-Kodiċi.

**5.** Minnufih wara t-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi għandha tiżdied l-iskeda ġdida li ġejja:

"IT-TIELET SKEDA

Titolu I

PRELIMINARI

TIFSIRIET, PRESERVAZZJONI TA' JEDDIJIET PRIVATI

Tifsiriet.

1. F'din l-Iskeda:

"permess amministrattiv" tinkludi liċenzi, permessi, konċessjonijiet, awtorizzazzjonijiet jew *encroachments*, gratifikazzjonijiet li jsiru taħt titolu ta' tolleranza jew titolu ieħor prekarju u kull liċenza oħra li tista' tinħareġ mill-Gvern skont regolamenti li jistgħu jsiru minn żmien għal żmien, u dipartimenti jew entitajiet differenti fi ħdan it-tifsira "Gvern" għandhom jiġu trattati bħala persuni distinti;

"il-Kodiċi" tfisser id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili minbarra din l-Iskeda;

"data magħżula" għandha tkun id-data tal-bidu fis-seħħ ta' din l-Iskeda;

"il-Gvern" għandha tinkludi d-dipartimenti u l-aġenziji kollha tal-Gvern, il-kunsilli lokali kollha, l-awtoritajiet u korporazzjonijiet statutorji kollha u l-organizzazzjonijiet kollha kontrollati mill-Gvern;

"art", għall finijiet ta' din l-Iskeda, għandha tinkludi l-qiegħ tal-baħar u s-saff taħt il-wiċċ tal-ħamrija;

"jeddijiet privati" huma dawk it-titoli jew jeddijiet li jinħolqu taħt xi liġi jew ftehim u li, jekk huma soġġetti għar-reġistrazzjoni jew preservazzjoni skont liġi li tapplika, jiġu hekk reġistrati jew preservati bil-mod u fiż-żmien meħtieġ bil-liġi li tapplika;

"data rilevanti" tfisser l-1 ta' Lulju, 2016;

"reġistru rilevanti" tfisser ir-Reġistru Pubbliku jew ir-Reġistru tal-Artijiet jew xi reġistru ieħor li jkun hemm minflokhom;

"liġi speċjali" tfisser Atti tal-Parlament jew regolamenti u Atti oħra li jikkostitwixxu liġi ħlief id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi li jittrattaw materji partikolari li huma rilevanti għal xi dispożizzjoni ta' din l-Iskeda.

Jeddijiet privati eżistenti.

2. (1) Art fid-demanju pubbliku li hi soġġetta għal jeddijiet privati, bis-saħħa ta' liġijiet promulgati qabel id-data rilevanti, għandha tkompli tkun soġġetta għat-termini u l-kondizzjonijiet ta' dawk il-liġijiet jew ftehim sa dik id-data, jekk ikun hemm, li fiha dik il-art tiġi akkwistata libera minn dawk il-jeddijiet privati.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(2) Xejn f'din l-Iskeda ma għandu jaffettwa jeddijiet privati fuq artijiet fid-demanju pubbliku ħlief u sal-limitu li:

(a) meta l-art ġiet akkwistata mingħand il-Gvern jew mod ieħor, din kienet soġġetta għal riservi espressament dikjarati; jew

(b) l-art hi soġġetta għal restrizzjonijiet impliċiti raġjonevoli fir-rigward tal-użu jew it-tgawdija tagħha li huma attribwibbli għan-natura tagħha speċifika ta' demanju pubbliku u għall-klassifikazzjoni tagħha taħt kwalunkwe pjan, strategija jew skeda maħruġa taħt xi liġi li minn żmien għal żmien tirregola l-ippjanar tal-iżvilupp:

Iżda, biex jitneħħa kull dubju, it-tgawdija ta' jeddijiet privati għandha tkompli sseħħ kompletament u tkun soġġetta biss għal limitazzjonijiet raġjonevoli li jinħolqu min-natura ta' demanju pubbliku tal-art partikolari, waqt li jitqiesu l-karatteristiċi partikolari, l-użu u l-funzjonijiet tagħha u l-utilità pubblika li dik l-art tipprovdi; jew

(ċ) bis-saħħa tal-kunsens tas-sid, sakemm ma jiġix irtirat, l-art saret disponibbli għal utilità pubblika; jew

(d) il-liġi, kif kienet qabel id-data rilevanti, hekk tipprovdi; jew

(e) l-art ingħatat mill-Gvern b'termini ta' sempliċi *encroachment* u tali konċessjoni tkun skadiet jew ġiet irtirata.

(3) Jeddijiet privati mogħtija mill-Gvern permezz ta' strument bil-miktub qabel id-data rilevanti għandhom ikunu regolati skont it-termini ta' dak l-istrument u l-liġi li tapplika u kull limitazzjoni fuq il-kapaċità tal-Gvern li jagħmel dik l-għotja minħabba fin-natura ta' demanju pubbliku tas-suġġett ma għandhiex taffettwa l-validità ta' dak l-istrument.

(4) Bla ħsara għas-subartikolu (3), xejn f'din l-Iskeda ma għandu jopera hekk li:

(a) jagħti jew jirrikonoxxi jeddijiet privati fuq art fid-demanju pubbliku lil xi persuna li, fid-data rilevanti, ma għandhiex titolu validu u eżegwibbli, pussess jew xi jeddijiet oħra fuq art fid-demanju pubbliku;

(b) ikollu effett fuq id-dritt tal-Gvern li jsegwi r-rimedji legali kollha, jew uħud minnhom, u, jew li jeżerċita s-setgħat kollha tiegħu, jew uħud minnhom, taħt il-liġi eżistenti fir-rigward ta' xi persuna li tippretendi xi jedd fuq art fid-demanju pubbliku, meta dik il-pretensjoni mhix rikonoxxuta bħala valida mill-Gvern;

(ċ) jaffettwa l-operat tal-artikoli 2114 u 2115(2) tal-Kodiċi fir-rigward tan-nuqqas ta' applikabilità tad-dispożizzjonijiet dwar il-preskrizzjoni fuq beni li huma *extra commercium* jew fir-rigward ta' drittijiet ta' jew azzjonijiet min-naħa tal-Gvern.

(5) Għandu jkun hemm is-suppożizzjoni li art privata ma tkunx fid-demanju pubbliku sakemm ma tkunx proprjetà tat-tip imsemmi fl-artikolu 4(1) jew tkun soġġetta għal Riżoluzzjoni dwar ir-Demanju Pubbliku kif imfisser fl-artikolu 4(2) ta' din l-Iskeda.

(6) Jekk l-eżerċizzju kontinwat ta' jeddijiet privati, hekk kif preservati b'dan l-artikolu, joħloq periklu materjali fuq art fid-demanju pubbliku kif intqal qabel jew fejn l-eżerċizzju ta' dawn il-jeddijiet hu materjalment kunfliġġenti mal-prinċipji stabbiliti f'din l-Iskeda għal dak li għandu x'jaqsam mal-użu ta' dik l-art u l-preservazzjoni futura tagħha, minbarra li jeżegwixxi kull ftehim jew liġi li tapplika f'dak ir-rigward, il-Gvern ikollu d-dritt li jitlob li ssir emenda għal kull għotja, konċessjoni jew ftehim ieħor biex jiżgura li jiġu osservati d-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda.

Minkejja l-patti ta' xi ftehim, il-qorti jkollha d-dritt li toħroġ ordnijiet, kif ikun xieraq, fuq l-użu u l-preservazzjoni futura tal-proprjetà inkwistjoni sa meta jibqa' fis-seħħ il-ftehim.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Titolu II

FUQ BENI LI HUMA TAL-GVERN PROPRJETÀ PUBBLIKA U DEMANJU PUBBLIKU

Suppożizzjonijiet.

3. (1) Għandu jkun hemm is-suppożizzjoni li beni tal-Gvern huma proprjetà pubblika.

(2) Għandu jkun hemm is-suppożizzjoni li beni li huma fid-demanju pubbliku huma tal-Gvern sakemm ma jkunux ta' sidien privati.

(3) Beni jiġu kkunsidrati li huma fid-demanju pubbliku jekk:

(a) huma tat-tip imsemmi fl-artikolu 4(1) ta' din l-Iskeda; jew

(b) wara d-data rilevanti, ikunu soġġetti għal dikjarazzjoni magħmula skont l-artikolu 4(2) ta' din l-Iskeda, u, fejn ikun possibbli, huma reġistrati skont liġi li tapplika.

(4) Il-beni, u l-frottijiet u aċċessorji tagħhom, li huma tal-Gvern u li jistgħu jkunu soġġetti għal dikjarazzjoni li jiffurmaw parti mid-demanju pubbliku, huma dawn li ġejjin:

(a) kanali, akwedotti, għadajjar, spieri naturali u widien;

(b) portijiet jew partijiet minnhom;

(ċ) triqat pubbliċi, pjazez pubbliċi, it-triqat, trejqiet u sqaqien kollha u rotot ta' aċċess, tkun xi tkun id-deskrizzjoni tagħhom, lejn postijiet pubbliċi oħra, inklużi dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta jew żoni dikjarati li huma fid-demanju pubbliku skont din l-Iskeda;

(d) imsaġar, parki u żoni oħra ta' importanza ekoloġika jew ambjentali;

(e) siti ta' importanza kulturali, soċjali jew storika inklużi swar, fortifikazzjonijiet u strutturi oħra bħalhom;

(f) żoni li jaqdu bżonnijiet ta' sigurtà nazzjonali, bħalma huma ajruporti;

(g) il-kampanja inkluż kull irdum li ma jiffurmax parti mill-perimetru tal-kosta;

(h) *res sacrae*, *res sanctae* u *res religiosae*;

VERŻJONI ELETTRONIKA



(i) beni mobbli li għandhom importanza kulturali, soċjali, arkeoloġika, artistika, ekoloġika, ambjentali jew storika, inklużi kollezzjonijiet f'mużewijiet, galleriji tal-arti, arkivji u libreriji; u

(j) b'mod ġenerali, beni li huma tal-Gvern li direttament u immedjatament jaqdu utilità pubblika u kollettiva jew li għandhom jiġu preservati għal ġenerazzjonijiet futuri minħabba fin-natura tagħhom pubblika, in-natura tagħhom komuni soċjali, storika jew kulturali, l-importanza ambjentali jew l-importanza naturali jew strateġika.

(5) Kull dikjarazzjoni kif imsemmi għandha tkun soġġetta għal kull jedd privat li jista' jkun jeżisti fuq l-imsemmija proprjetà.

(6) Il-proprjetà tat-tip imsemmi fil-paragrafi (a), (d), (e) u (g) li tkun proprjetà privata tista' wkoll tkun soġġetta għal dikjarazzjoni li tifforma parti mid-demanju pubbliku.

Titolu III

FUQ ID-DEMANJU PUBBLIKU

Beni fid-demanju pubbliku.

4. (1) Il-beni li ġejjin, u l-frottijiet u l-aċċessorji tagħhom, għandhom jitqiesu bħala proprjetà fid-demanju pubbliku bis-saħħa ta' din l-Iskeda u mingħajr il-bżonn ta' ebda dikjarazzjoni, reġistrazzjoni jew formalità oħra:

(a) il-perimetru tal-kosta;

(b) l-ibħra interni bħalma huma bajjiet, xtajtiet u żoni oħra li jinsabu bejn il-perimetru tal-kosta u l-linji bażi li minnhom jitqiesu l-ibħra territorjali u l-qiegħ tal-baħar relattiv u s-saff taħt il-wiċċ tal-blat u l-kolonna tal-ilma u l-ispazju tal-ajru fuqhom, sakemm ma jkunux portijiet; u

(ċ) il-qiegħ tal-baħar u s-saff taħt il-wiċċ tal-blat li jinsabu taħt l-ibħra territorjali lil hinn mil-linji bażi li minnhom jitqiesu l-ibħra territorjali u l-qiegħ tal-baħar relattiv u s-saff taħt il-wiċċ tal-blat u l-kolonna tal-ilma u l-ispazju tal-ajru fuqhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(2) (i) Il-Kunsill Eżekuttiv kif stabbilit taħt l-Att tal-2016 għall-Ippjanar tal-Iżvilupp għandu jipprepara rapport fuq bażi annwali fejn jindika dawk is-siti li ġew proposti mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet, Membri tal-Parlament jew NGOs li l-Kunsill ikun qies xierqa li jkunu ddikjarati bħala demanju pubbliku in konformi mal-artikolu 3 tas-sub-titolu II ta' dan l-Att:

Iżda qabel it-tlestija ta’ tali rapport il-Kunsill Eżekuttiv għandu jwettaq proċess ta’ konsultazzjoni pubblika.

(ii) Ir-rapport għandu mbagħad jiġi ppreżentat lill-Ministru responsabbli għall-Artijiet, li min-naħa tiegħu jrid jippreżenta tali rapport fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati sal-15 ta’ Settembru ta’ kull sena.

(iii) Il-Ministru għandu jara li r-rapport jiġi mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati kemm jista' jkun malajr iżda mhux aktar tard minn xahar minn meta jkun irċevih.

(iv) L-Ispeaker tal-Kamra għandu jirreferi r-rapport lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp għall-konsiderazzjoni u l-kummenti tiegħu.

(v) Ir-rapport tal-Kumitat Permanenti għandu mbagħad jintbagħat lill-Ministru responsabbli għall-Artijiet li għandu jippreżenta Riżoluzzjoni dwar id-demanju pubbliku lill-Kamra tad-Deputati, għall-konsiderazzjoni tagħha, fir-rigward ta’ dawk is-siti li jkunu hekk rakkomandati mill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

(3) Kull Riżoluzzjoni dwar id-Demanju Pubbliku għandu, bħala minimu:

(a) jidentifika l-proprjetà, il-frottijiet u l-aċċessorji tagħha;

(b) jidentifika s-setgħat tal-Gvern jew titoli jew jeddijiet ta’ terzi li ser ikomplu jitgawdew fuq il-beni inkwistjoni, u l-mod li bih għandhom jiġu eżerċitati jew jitgawdew, minkejja dik id-dikjarazzjoni;

VERŻJONI ELETTRONIKA



(ċ) jidentifika liġijiet speċjali jew dispożizzjonijiet tagħhom, jekk ikun hemm, li jirrestrinġu l-aċċess pubbliku jew it-tgawdija ta' dik il-proprjetà skont din l-Iskeda, u li ser ikomplu japplikaw għal dik il-proprjetà minkejja d-dikjarazzjoni; u

(d) fejn ikun applikabbli, ikun hemm mehmuża miegħu pjanta jew mappa ġenerali, ibbażata fuq il-mappa uffiċjali tar-Reġistru tal-Artijiet, li tidentifika l-proprjetà u l-aċċessorji li huma affettwati b'dik id-dikjarazzjoni.

(4) Ir-Riżoluzzjonijiet dwar id-Demanju Pubbliku kollha għandhom jiġu reġistrati fir-reġistru rilevanti mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet fi żmien xahrejn mill-approvazzjoni tagħhom mill-Kamra tad-Deputati.

(5) Bla ħsara għal jeddijiet privati u l-konċessjonijiet li jistgħu jkunu validament eżistenti, beni fid-demanju pubbliku li jkunu tal-Gvern għandhom ikunu *extra commercium* sakemm ma jiġux deklassifikati skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI ta' din l-Iskeda, f'liema każ ma jibqgħux jiġu trattati bħala beni *extra commercium* iżda biss sal-limitu u għall-finijiet imsemmija fir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni rilevanti:

Iżda beni li jkunu ġew dikjarati li jaqgħu taħt id-demanju pubbliku permezz ta' Riżoluzzjoni dwar id-Demanju Pubbliku u li huma proprjetà privata ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala li huma *extra commercium* u jistgħu jkomplu jkunu soġġetti għal operazzjonijiet skont il-Kodiċi jew kull liġi oħra li tapplika wkoll jekk ma jkunux ġew deklassifikati.

(6) Beni fid-demanju pubbliku li huma tal-Gvern li jkunu ġew deklassifikati kif previst f'din l-Iskeda jistgħu jkunu soġġetti għal konċessjoinijiet jew jeddijiet privati skont din l-Iskeda.

(7) L-akkwist ta' xi jedd minn xi interess privat ta' xi beni tal-Gvern fid-demanju pubbliku li ma jkunux ġew deklassifikati, ħlief permezz ta' konċessjoni taħt l-artikolu 7 ta' din l-Iskeda, ikun *ipso jure* null u bla effett.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(8) Beni fid-demanju pubbliku jkunu soġġetti għal obbligi tad-demanju pubbliku, ukoll meta jkunu ġew deklassifikati, u l-ebda persuna li takkwista ma tista' tiddikjara bona fidi sabiex takkwista l-beni liberi minn dawk l-obbligi.

(9) L-azzjonijiet u r-rimedji għall-pubbliku ġenerali għandhom ikunu biss dawk li huma previsti taħt id-dritt pubbliku.

(10) L-obbligu prinċipali, li jinġarr minn sid ta' beni fid-demanju pubbliku, kemm jekk il-Gvern jew organizzazzjoni volontarja jew interess privat ikun is-sid ta' dawk il-beni, hu li jippreserva s-sustanza tagħhom kemm fir-rigward tal-materja kif ukoll rigward il-forma tagħhom.

(11) Bla ħsara għal kull jedd privat fuqhom, jew kif ikun espressament dikjarat mod ieħor f'Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, beni fid-demanju pubbliku li huma tal-Gvern iġorru wkoll piż li hu l-utilità li tinkiseb mill-pubbliku ġenerali u li tgawdi minnha kull persuna abbażi ta' tolleranza. L-utilità pubblika tinkludi jeddijiet kollettivi bħalma huma aċċess pubbliku, użu, tgawdija pubblika tal-frottijiet u aċċessorji, faċilitazzjoni għall-ħtiġiet tal-kummerċ, transitu u komunikazzjoni jew rikreazzjoni u kull użu ieħor u bla ħsara għal dawk ir-restrizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti b'regolamenti magħmulin minn żmien għal żmien li jeħtieġu li beni fid-demanju pubbliku jkunu soġġetti għal dak il-piż.

(12) Bla ħsara għal kull jedd fuqhom, jew kif ikun espressament dikjarat mod ieħor f'Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, xejn fis-subartikoli ta' qabel dan ma għandu jinftiehem li xi persuna tista' fi jew fuq xi art fid-demanju pubbliku:

(a) issuq jew tirkeb fuq xi vettura ħlief fuq dawk il-passaġġi li ma jagħmlux ħsara lil dik il-proprjetà;

(b) tqabbad xi nar jew tagħmel xi ħaġa li x'aktarx tikkawża nirien;

(ċ) xjentement tagħmel ħsara lil xi ħaġa fuqha jew fiha;

(d) xjentement tagħmel ħsara, tneħħi jew teqred xi pjanta, arbuxell, siġra jew għerq jew xi parti minnhom;

(e) twaħħal jew tikteb xi reklam, bord fejn jitwaħħlu reklami, avviż ma' ħitan jew avviż ieħor;

(f) tiddepożita xi skart jew tħalli xi ħmieġ warajha;

(g) tieħu sehem f'aġir irvellat, diżordinat jew indeċenti; jew

(h) xjentement tiddisturba, iddejjaq jew tostakola xi persuna li tkun qed tieħu sehem f'attività legali.

(13) Sakemm ma jkunx kuntrarju għal-liġi jew id-destinazzojni dikjarata jew viżibbli tal-beni fid-demanju pubbliku ma tippermettix li dan isir, jew ikun mod ieħor projbit mill-Gvern skont il-liġi, beni tal-Gvern, jew il-frottijiet u aċċessorji tagħhom, jistgħu jintużaw jew issir tgawdija minnhom, b'tolleranza, f'dak l-ammont li hu meħtieġ għall-użu jew konsum personali ta' individwu. Fejn liġijiet speċjali jkunu jeħtieġu awtorizzazzjoni mill-Gvern, ukoll għall-użu personali jew it-tgawdija ta' beni fid-demanju pubbliku, dik l-awtorizzazzjoni għandha tkun kondizzjoni għall-użu pubbliku u t-tgawdija pubblika.

(14) B'żjieda ma' xi drittijiet jew setgħat li jista' jkollu taħt xi liġi, liċenza, kuntratt jew mod ieħor, il-Gvern jista' jintavola kull azzjoni ċivili jew amministrattiva kontra kull persuna li tagħmel ħsara, jew bl-aġir tagħha x'aktarx tagħmel ħsara, lil beni fid-demanju pubbliku.

Reġistrazzjoni ta' jeddijiet privati fuq beni fid-demanju pubbliku.

5. (1) Meta beni fid-demanju pubbliku kif imfisser f'din l-Iskeda huma soġġetti għal jeddijiet privati, dawk il-beni għandhom jibqgħu fid-demanju pubbliku u jiġu soġġetti b'mod ġenerali għall-piż ta' obbligi ta' demanju pubbliku li jinħolqu min-natura tagħhom stess, limitati b'dawk il-jeddijiet privati b'mod li jkunu konsistenti man-natura tagħhom u bla ħsara għal xi liġi li tkun tapplika.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(2) Kull persuna li tgawdi minn titolu eżistenti jew jedd fuq art fid-demanju pubbliku għandha tirreġistra dak it-titolu jew jedd fir-rigward tal-art speċifika konformement ma', u soġġetta għal, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku u l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet jew kull liġi oħra li tapplika li jkollha dak l-effett, qabel ma jgħaddu għaxar snin -

Kap. 56.
Kap. 296.

(a) mid-data msemmija fir-rigward ta' proprjetà li hemm referenza għaliha fl-artikolu 4(1); jew

(b) mid-data li fiha Riżoluzzjoni dwar id-Demanju Pubbliku tiġi reġistrata fir-reġistru rilevanti fir-rigward ta' art specifika,

u dik ir-reġistrazzjoni tkun bla ħsara għad-dritt tal-Gvern u ta' kull persuna oħra li jista' jkollha interess li jikkontestaw dak it-titolu jew dritt skont it-termini ta' xi liġi li tapplika.

(3) Kull persuna li takkwista titoli jew jeddijiet fuq beni fid-demanju pubbliku wara li tkun saret deklassifikazzjoni, għandha tirreġistra dak it-titolu jew jedd skont, u bla ħsara għal, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku u l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet jew kull liġi oħra li tapplika li jkollha dak l-effett fil-perjodu preskritt mil-liġi.

Kap. 56.
Kap. 296.

## Titolu IV

## TRASFERIMENT TA' BENI FID-DEMANJU PUBBLIKU

Trasferiment ta' beni fid-demanju pubbliku.

6. (1) Minbarra li għandhom jiġu osservati l-ħtiġiet stabbiliti b'din l-Iskeda fir-rigward ta' deklassifikazzjoni, id-disponiment ta' beni li jiffurmaw parti mid-demanju pubbliku għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern jew regolamenti magħmulin taħtu.

Kap. 268.

(2) Il-frażi "trasferiment" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha bl-imsemmi Att u d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att għandhom japplikaw għad-demanju pubbliku *mutatis mutandis*.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Titolu V

KONĊESSJONIJIET U GĦOTJIET TA' DEMANJU PUBBLIKU

Permessi amministrattivi fir-rigward ta' beni fid-demanju pubbliku.

7. (1) Il-Gvern jista' jagħti drittijiet fuq beni fid-demanju pubbliku b'permess amministrattiv, bil-kondizzjoni li dawk il-beni għandhom jintużaw b'mod konsistenti man-natura tagħhom.

(2) Ma jkunx meħtieġ li beni fid-demanju pubbliku jiġu deklassifikati sabiex ikunu l-oġġett ta' permess amministrattiv.

(3) Bla ħsara għal termini jew kondizzjonijiet aktar dettaljati li jistgħu jkunu preskritti b'regolamenti magħmulin mill-Prim Ministru minn żmien għal żmien fir-rigward ta' permessi amministrattivi, meta permess amministrattiv jirreferi għal beni fid-demanju pubbliku, minkejja kull dispożizzjoni kuntrarja li jkun hemm f'xi ftehim, dik l-għotja għandha tkun:

(a) personali għal min jirċeviha u ma tistax tiġi assenjata u lanqas ma tista' tinqasam, u meta l-għotja ssir lil organizzazzjoni legali jew lil *trust* li jkollhom azzjonisti jew benefiċjarji, kif ikun il-każ, dawk l-azzjonisti jew benefiċjarji jkunu soġġetti għall-istess kondizzjonijiet flimkien mal-organizzazzjoni legali jew *trust* matul iż-żmien li tibqa' fis-seħħ l-għotja;

(b) revokabbli mill-awtorità li tagħmel l-għotja b'avviż bil-miktub;

(ċ) soġġetta għal obbligi u kondizzjonijiet ta' demanju pubbliku kif imfisser f'din l-Iskeda; u

(d) inizjalment mogħtija għal mhux aktar minn għaxar snin, u meta tiġi mġedda, it-tiġdid isir għal mhux aktar minn għaxar snin kull darba:

Iżda meta l-għotja mill-Gvern issir lil organizzazzjoni volontarja reġistrata li l-għanijiet tagħha jirriflettu l-istess prinċipji ta' din l-Iskeda fir-rigward tal-mod kif tiġi amministrata proprjetà fid-demanju pubbliku, il-kondizzjonijiet imsemmija hawn qabel jistgħu jiġu modifikati jew rinunzjati.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(4) Permessi amministrattivi li jagħtu drittijiet fuq id-demanju pubbiku għandhom jiġu reġistrati fir-reġistru rilevanti jekk il-perjodu tas-seħħ tagħhom ikun iżjed minn sentejn. Dik ir-reġistrazzjoni ma għandhiex tagħti lil min jirċievi l-għotja drittijiet ta' sjieda jew ta' pussess u d-drittijiet jibqgħu kif dikjarati fis-subartikolu ta' qabel dan u f'kull liġi li tkun tapplika.

Ghotjiet legali lil interessi privati fuq beni fid-demanju pubbliku.

8. (1) Bla ħsara għal kull għotja li ssir skont xi liġi speċjali li tista' espressament timmodifika l-kondizzjonijiet speċifikati hawn aktar 'il quddiem, meta beni fid-demanju pubbliku jkunu soġġetti għal għotja mill-Gvern lil interessi privati, għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ħlief meta r-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni espressament tawtorizza li d-deklassifikazzjoni għandha tkun għal perjodu indefinit, minħabba fil-fatt li dik id-deklassifikazzjoni tkun evidentement irriversibbli, l-għotja għandha tkun għal perjodu speċifikat li ma jeċċedix mitt sena u għandha tkun, kemm jista' jkun:

(i) proporzjonata għall-interess jew benefiċċju li għandu jinkiseb mill-pubbliku ġenerali u għall-perjodu ta' żmien li matulu dak l-interess jew benefiċċju fil-fatt jibqa' jseħħ;

(ii) suffiċjenti biex taqdi l-użu awtorizzat;

(iii) proporzjonata b'mod invers sal-limitu li għalih il-pubbliku ġenerali jkollu aċċess u użu ristrett, hekk li aktar ma tkun kbira r-restrizzjoni fuq l-użu pubbliku, anqas għandu jkun il-perjodu ta' żmien; u

(iv) proporzjonata b'mod invers għad-diżordni tal-funzjoni pubblika li l-beni kienu jservu, hekk li aktar ma jkun kbir id-diżordni għall-funzjoni pubblika, anqas għandu jkun il-perjodu ta' żmien;

VERŻJONI ELETTRONIKA



u f'kull każ ma għandhiex tkun għal perjodu aktar minn dak li għalih il-beni ġew deklassifikati;

(b) l-għan tal-għotja u l-użu sussegwenti tal-beni għandu jkun esklussivament dak li għalih il-beni ġew deklassifikati;

(ċ) jekk ikun raġonevolment possibbli, għandhom jiġu provduti alternattivi xierqa lill-pubbliku ġenerali li jkun ġie privat mill-beni li qabel kien juża u jgawdi;

(d) ħlief meta r-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni espressament tawtorizza d-deklassifikazzjoni għal perjodu indefinit minħabba fl-irriversibilità evidenti tagħha, kull kostruzzjoni, titjib jew alterazzjoni li ssir fuq beni fid-demanju pubbliku għandhom jitneħħew meta jagħlaq il-perjodu, sakemm il-Gvern ma japprovax li jinżammu, għall-benefiċċju tiegħu jew kif jista' jikkonsidra fl-interess pubbliku, dawk il-kostruzzjonijiet, titjib jew alterazzjonijiet fil-waqt tad-deklassifikazzjoni jew f'xi żmien li jiġi wara;

(e) ħlief meta r-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni espressament tawtorizza l-modifika ta' xi beni fid-demanju pubbliku, kull ħsara, qerda jew modifika jew sfruttament li ma jkunux espressament permessi, għandu jagħmel tajjeb għalihom min ikun irċieva l-għotja;

(f) sakemm ma jkunx ġie espressament permess bir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, u f'dak il-każ bla ħsara għall-kondizzjonijiet espressi tal-għotja, l-għotja għandha:

(i) tkun personali għal min jirċeviha u ma tistax tiġi assenjata u meta l-għotja ssir lil organizzazzjoni legali jew lil *trust* li jkollhom azzjonisti jew benefiċjarji, kif ikun il-każ, dawk l-azzjonisti jew benefiċjarji jkunu soġġetti għall-istess kondizzjonijiet flimkien mal-organizzazzjoni legali jew *trust* matul iż-żmien li tibqa' fis-seħħ l-għotja;

(ii) ma tkunx tista' tinqasam; u

(iii) ma tkunx tista' tintuża bħala garanzija favur terza persuna:

Iżda meta l-għotja mill-Gvern issir lil organizzazzjoni volontarja reġistrata li l-għanijiet tagħha jirriflettu l-istess prinċipji ta' din l-Iskeda fir-rigward tal-mod kif tiġi amministrata proprjetà fid-demanju pubbliku, il-kondizzjonijiet imsemmija hawn qabel jistgħu jiġu modifikati jew rinunzjati.

(2) Is-subartikolu ta' qabel dan għandu jkun soġġett għar-regoli addizzjonali ta' tifsir li ġejjin:

(a) jekk l-għotja ssir għal aktar minn mitt sena, l-għotja għandha tkun valida għal mitt sena biss;

(b) jekk l-għotja teċċedi l-perjodu msemmi fir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, allura l-perjodu tal-għotja għandu jitnaqqas *ipso jure* għall-perjodu msemmi fir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni;

(ċ) jekk l-għotja ssir għal għan li ma jkunx speċifikat fir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, allura dik l-għotja tkun nulla u bla effett u ma jinkisbu l-ebda drittijiet minn xi parti permezz ta' dik l-għotja.

(3) Xejn f'din l-Iskeda jew f'xi Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni ma jwaqqaf l-impożizzjoni mill-Gvern ta' kondizzjonijiet aktar onerużi jew restrittivi fiż-żmien tal-għotja jew trasferiment tal-proprjetà fid-demanju pubbliku rilevanti sabiex tiġi protetta u preservata aħjar in-natura ta' demanju pubbliku tal-proprjetà.

Riverżjoni għal demanju pubbliku.

9. (1) Meta beni fid-demanju pubbliku jkunu ġew soġġetti għal drittijiet privati, meta jiġu fit-tmiem dawk id-drittijiet privati, liema temm jiġri b'kull mod li jkun, dawk il-beni jerġgħu lura *ipso jure* għad-demanju pubbliku. Malli sseħħ ir-riverżjoni, il-beni jkunu liberi minn kull dritt u pretensjoni, kemm personali kif ukoll reali.

(2) Dik ir-riverżjoni sseħħ ukoll meta jintemm il-perjodu dikjarat jew l-impossibbiltà jew temm tal-għan u użu li għalihom il-beni kienu ġew deklassifikati jew mogħtija, kif ikun il-każ.

(3) Il-beni kollha li, fit-terminu tar-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, jirrevertu għad-demanju pubbliku skont dan l-artikolu jistgħu jingħataw mill-ġdid għall-perjodu li jkun fadal tal-għotja oriġinali mingħajr deklassifikazzjoni ġdida iżda dik l-għotja mill-ġdid għandha ssir fi żmien tnax-il xhar mir-riverżjoni.

(4) Meta beni deklassifikati jirrivertu għad-demanju pubbliku wara li jkun għalaq it-terminu speċifikat tal-għotja, il-Gvern għandu jipprova jirreverti l-proprjetà lura għad-demanju pubbliku għal mill-inqas ħamsa u għoxrin sena qabel ma jerġa' jiddeklassifikaha, sakemm ma jkunx hemm l-appoġġ ta' riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

(5) Meta proprjetà immobbli fid-demanju pubbliku tiġi deklassifikata u d-deklassifikazzjoni tiġi espressament dikjarata li hi għal terminu indefinit minħabba fl-irriversibbiltà tal-użu maħsub bid-deklassifikazzjoni, ir-riverżjoni għad-demanju pubbliku ma għandhiex issir u l-proprjetà għandha tibqa' privata jew pubblika libera minn kull obbligu ta' demanju pubbliku, inklużi l-obbligi msemmija fl-artikolu 4(10) ta' din l-Iskeda.

Titolu VI

FUQ ID-DEKLASSIFIKAZZJONI TAD-DEMANJU PUBBLIKU

Deklassifikazzjoni.

10. (1) Il-beni kollha li huma fid-demanju pubbliku, min-natura tagħhom jew bl-operat tal-liġi, jistgħu jiġu msemmija li huma disponibbli għal -

(a) l-użu jew l-amministrazzjoni ta' dik il-proprjetà mill-Gvern bħala proprjetà pubblika; jew

(b) l-għoti ta' titoli jew drittijiet favur terzi;

skont l-użu li għalih dawk il-beni jistgħu jservu, ġeneralment mingħajr ma tkun tista' tinbidel b'mod permanenti n-natura tagħhom. Dawk it-tismijiet għandhom ikunu għal għan jew għanijiet li huma definiti speċifikatament u, li jkunu fl-interess pubbliku. Il-Kunsill Eżekuttiv kif stabbilit taħt l-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandu jirċievi tali talbiet mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet sabiex iħejji rapport wara proċess ta' konsultazzjoni pubblika. Ir-rapport għandu jkun riferut lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-Iżvilupp li min-naħa tiegħu, wara l-konsiderazzjoni u l-kummenti tiegħu, għandu jibgħat il-konklużjonijiet tiegħu lill-Ministru responsabbli għall-Artijiet. Il-Ministru għandu mbagħad jippreżenta lill-Kamra tad-Deputati għall-konsiderazzjoni tagħha Riżoluzzjoni dwar id- Deklassifikazzjoni. Dawn il-beni għandhom jiġu msejħa beni deklassifikati.

(2) Wara li tkun saret id-deklassifikazzjoni, il-beni deklassifikati għandhom xorta waħda jżommu n-natura tagħhom bħala beni fid-demanju pubbliku u, sal-limitu li ma jkunux inkompatibbli ma' dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom jibqgħu soġġetti għar-regoli ta' din l-Iskeda. Iżda d-deklassifikazzjoni tista' timponi ċerti restrizzjonijiet fuq il-kontinwazzjoni tat-tgawdija pubblika, sal-limitu li sussegwentement ikunu permessi l-amministrazzjoni pubblika jew l-użu privat.

(3) Ma jistgħux isiru deklassifikazzjonijiet fir-rigward ta' klassijiet ta' beni jew it-totalità ta' dawk it-tipi ta' beni, iżda jistgħu jsiru biss fir-rigward ta' beni speċifiċi li huma suxxettibbli għal tismija u deskrizzjoni individwali.

(4) Ma tistax issir deklassifikazzjoni ħlief wara li jkun għadda perjodu minimu ta' ħames snin, fir-rigward ta' kull proprjetà fid-demanju pubbliku, mid-data tal-promulgazzjoni ta' Riżoluzzjoni dwar id-Demanju Pubbliku li jirreferi għal dik il-proprjetà partikolari, kif imsemmi fl-artikolu 4(2) ta' din l-Iskeda.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(5) Beni deklassifikati tal-Gvern isiru kapaċi li jkunu l-oġġett ta' kuntratt matul il-perjodu ta' deklassifikazzjoni u jsiru suxxettibbli għal drittijiet u imposti reali u piżijiet oħra:

Iżda drittijiet reali, imposti u piżijiet oħra għandhom jintemmu *ipso jure* meta jiskadi t-terminu tal-kuntratt jew meta jiskadi l-perjodu ta' deklassifikazzjoni, skont liema jseħħ l-ewwel.

(6) Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni jista' jippermetti l-modifika jew it-tibdil ta' beni fid-demanju pubbliku wara li tkun saret deklassifikazzjoni bil-kondizzjoni li dik il-modifika jew dak it-tibdil ikunu jfittxu riżultat fejn il-vantaġġ miksub mill-pubbliku ġenerali jkun ċar u mingħajr ambigwità.

Proċedura għad-deklassifikazzjoni.

11. (1) Id-deklassifikazzjoni ta' beni fid-demanju pubbliku għandha ssir permezz tal-ħruġ ta' riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni".

(2) Kull Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni għandha, għall-inqas:

(a) tidentifika l-proprjetà, il-frottijiet u l-aċċessorji tagħha;

(b) tidentifika t-terminu, sakemm ma tkunx għal terminu indefinit f'liema każ dan għandu jiġi dikjarat, l-għan u l-użu li għalihom qed issir id-deklassifikazzjoni;

(ċ) tiddikjara x'ser ikunu d-drittijiet jew benefiċċji eżistenti jew futuri li huma proġettati u liema alternattivi xierqa, jekk ikun hemm, ser jiġu provduti għal xi nuqqas ta' użu jew tgawdija tal-beni mill-pubbliku;

(d) tidentifika kull setgħa tal-Gvern jew jeddijiet ta' terzi, li jkunu magħrufa, li ser ikomplu jeżistu fuq il-beni minkejja d-deklassifikazzjoni, hekk iżda li dan ikun bla ħsara għas-setgħat ġenerali tal-Gvern taħt xi liġi u għal titoli jew jeddijiet privati li jistgħu jiġu reġistrati fi żmien il-perjodu preskritt mil-liġi;

(e) tipprova tidentifika liġijiet speċjali jew dispożizzjonijiet tagħhom, jekk ikun hemm, li jirrestrinġu l-aċċess pubbliku jew it-tgawdija ta' dik il-proprjetà skont din l-Iskeda u li għandhom jibqgħu jgħoddu għal dik il-proprjetà minkejja d-deklassifikazzjoni;

(f) fejn ikun applikabbli, jkollha mehmuż magħha pjanta jew mappa ġenerali, ibbażata fuq il-mappa uffiċjali tar-Reġistru tal-Artijiet, li tidentifika l-proprjetà u l-aċċessorji tagħha li huma affettwati b'dik id-deklassifikazzjoni.

(3) Ir-Riżoluzzjonijiet dwar id-Deklassifikazzjoni kollha għandhom jiġu reġistrati fir-reġistru rilevanti mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet fi żmien xahrejn mill-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

(4) Kull għotja magħmula mill-Gvern skont Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni għandha tiġi reġistrata fir-reġistru rilevanti skont il-liġi li tapplika.

(5) Kull emenda għal jew revoka ta' Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni għandha tiġi reġistrata fir-reġistru rilevanti mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet fi żmien xahrejn minn meta ssir dik l-emenda jew revoka.

Temm ta' drittijiet u tal-effetti ta' deklas-sifikazzjoni.

12. (1) Fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-beni jirrivertu għall-użu pubbliku li kellhom qabel mingħajr oġġezzjoni tad-detentur tat-titolu jew jeddijiet għal perjodu kontinwu ta' sentejn;

(b) fejn jintużaw għal għan li ma jinkwadrax fi ħdan il-perimetri li għalihom tkun saret il-klassifikazzjoni;

(ċ) meta jiskadi t-terminu li għalih kienu ġew deklassifikati;

(d) fejn ikun hemm ksur sostanzjali tat-termini ta' xi għotja, konċessjoni, jew ikun sar abbuż minn xi jedd;

VERŻJONI ELETTRONIKA



min jirċievi għandu jiġi notifikat permezz ta' ittra ġudizzjarja u, malli jiskadu tletin ġurnata minn dik in-notifika, il-beni għandhom jirrivertu għad-demanju pubbliku, sakemm dik ir-riverżjoni ma tiġix formalment kontestata f'qorti, f'liema każ l-effetti jiġu sospiżi sa meta l-qorti tiddeċiedi dwar il-kwistjoni jew il-partijiet jaqblu li tkun intlaħqet il-konformità:

Iżda waqt dik il-kontestazzjoni l-obbligu ta' min jirċievi li jħallas kull kumpens miftiehem u li josserva l-obbligi ta' demanju pubbliku kollha ma għandux jiġi affettwat b'ebda mod u f'każ ta' ksur *pendente lite*, il-Qorti għandha, ukoll mingħajr talba mingħand il-Gvern, tordna r-riverżjoni għad-demanju pubbliku abbażi ta' dak il-ksur mingħajr il-bżonn li jiġu determinati l-kwistjonijiet taħt kontestazzjoni.

(2) Meta jiġi stabbilit b'sentenza finali ta' qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili jew kriminali li d-deklassifikazzjoni kienet riżultat ta' korruzzjoni, id-deklassifikazzjoni ma tkunx valida u d-drittijiet kollha li jinkisbu minn persuna bħala riżultat tagħha jkunu nulli u bla effett.

(3) Kull persuna li qabel kienet vestita b'titolu jew jeddijiet fuq beni fid-demanju pubbliku għandha, meta jseħħu l-ġrajjiet imsemmija fis-subartikoli ta' qabel dan, *ipso jure* ssir possessur sempliċi u ma jkollha l-ebda jedd ieħor minn meta ssir in-notifika u, bla ħsara għal kull dritt ieħor skont il-liġi, il-Gvern ikollu dritt jirreġistra r-riverżjoni tal-beni għad-demanju pubbliku fir-reġistru rilevanti.

(4) Meta l-Gvern jiġi notifikat li terza parti ser tingħata jew ingħatat legalment interess li jiddependi fuq it-titolu jew dritt ta' dik il-persuna li tgawdi minn dak it-titolu jew dritt, jekk dan ikun awtorizzat mir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, il-Gvern jista' jaqbel ma' dawk il-patti li huma maħsuba għall-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet ta' terzi fil-każ li jkun hemm ksur mid-detentur tat-titolu jew tad-dritt:

VERŻJONI ELETTRONIKA



Iżda t-terza parti ma tgawdix dik il-protezzjoni jekk taċċetta jew tieħu sehem fil-ksur li jwassal għal dak in-nuqqas jew mod ieħor taġixxi mingħajr bona fidi meta tkun qed titlob protezzjoni taħt dan l-artikolu.

Drittijiet mhumiex marbutin mal-frottijiet jew aċċessorji.

13. (1) Meta jingħataw drittijiet ta' terzi fuq immobbli deklassifikati, id-drittijiet ikunu marbuta biss ma' ħwejjeġ imqabbdin mas-sit u kull titjib fuqu kif ukoll mal-użu tiegħu, iżda mhux ma' xi frottijiet jew aċċessorji għal dawk l-immobbli, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor.

(2) Meta tintemm għotja ta' beni deklassifikati, il-persuna li kienet tgawdi mid-drittijiet għall-użu u t-tgawdija tal-beni għandha, bi spejjeż tagħha, tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tiżgura li ħwejjeġ li jkunu ġew mibnija jew imqabbdin mal-proprjetà jiġu mneħħija u li l-beni jiġu restawrati għall-kondizzjoni li kellhom qabel id-deklassifikazzjoni jew kemm jista' jkun possibbli qrib dik il-kondizzjoni, bil-verifika ssir mill-Gvern, sakemm il-Gvern ma japprovax li jinżammu skont l-artiolu 8(1)(d) ta' din l-Iskeda jew jagħti l-kunsens tiegħu għall-modifika jew tibdil permanenti fir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni.

(3) F'każ li l-beni ma jiġux restawrati għall-kondizzjoni xierqa, il-Gvern ikollu s-setgħa li jnaddaf il-proprjetà minn kull kostruzzjoni, ħwejjeġ imqabbdin magħha jew kull ħaġa oħra tkun li tkun u jkollu s-setgħa li jamministra u jiddisponi minn dik il-proprjetà. Barra minn hekk, il-Gvern ikollu privileġġ speċjali fuq dawk il-beni u fuq kull rikavat mill-kera, tħaddim jew bejgħ ta' dawk il-beni. Il-Gvern ikollu d-dritt li jieħu minn dak ir-rikavat kull somma li tkun ekwivalenti għall-infiq u l-ispejjeż imġarrba biex il-beni jiġu restawrati għall-kondizzjoni oriġinali iżda ma għandu jkollu ebda interess f'xi rikavat ogħla li għandu jinżamm fi *trust* favur min ikun irċieva l-għotja:

Iżda, bla ħsara għat-termini tal-għotja, meta jiskadi l-perjodu ta' dik l-għotja, il-Gvern jista' fid-diskrezzjoni tiegħu, jakkwista kull immobbli li jkun fadal fuq il-proprjetà bil-ħlas ta' prezz ġust lil min kien irċieva l-għotja jew lis-sid rilevanti tal-immobbli, b'dak il-prezz jiġi miftiehem bejn il-partijiet jew determinat mill-qorti jekk ma jkunx hemm qbil.

Reklamazzjoni.

14. (1) Meta xi proprjetà ssir parti mill-perimetru tal-kosta permezz ta' intervent uman, inkluż l-iskavar jew l-iżvilupp jew it-tibdil tas-sit għal marina, passaġġ ħdejn il-baħar, *breakwater* jew mod ieħor, dan ma jfissirx li l-proprjetà ssir parti mid-demanju pubbliku iżda għandha tkun soġġetta għal:

(a) kull kondizzjoni speċjali li tista' tiġi imposta f'xi Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni jew f'kull permess għal dak l-intervent; u

(b) kull liġi speċjali li tista' tkun applikabbli għall-iżvilupp u użu tagħha.

(2) Meta xi parti tal-qiegħ tal-baħar tiġi reklamata, kull Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni għandha tiddikjara espressament li l-għan tad-deklassifikazzjoni hu r-reklamazzjoni taż-żona, waqt li tagħti deskrizzjoni kompleta taż-żona, u -

(a) iż-żona hekk reklamata ma għandhiex tiġi kkunsidrata aktar bħala fid-demanju pubbliku; u

(b) il-perimetru tal-kosta li jintilef fir-reklamazzjoni għandu jiġi sostitwit *ipso jure* bil-perimetru tal-kosta ġdid li jinħoloq b'riżultat tar-reklamazzjoni.

Regolamenti.

15. (1) Il-Prim Ministru jkollu s-setgħa li jagħmel dawk ir-regolamenti kif ikun meħtieġ sabiex jiġu regolati aħjar il-materji li jinsabu f'din l-Iskeda fir-rigward ta' tipi partikolari ta' proprjetà li taqa' taħt l-ambitu ta' demanju pubbliku jew b'mod ġenerali għall-aħjar twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, inkluż bla ħsara għal dak li ntqal qabel:

VERŻJONI ELETTRONIKA



(a) materji li jirrigwardaw ir-reġistrazzjoni ta’ riżoluzzjonijiet, titoli, drittijiet u materji oħra msemmija f’din l-Iskeda, fir-reġistru rilevanti;

(b) biex jiddefinixxi f’aktar dettall il-beni mfissra fl-artikolu 3(4) ta’ din l-Iskeda;

(ċ) biex jistabbilixxi l-metodoloġija biex jiġu determinati l-linji bażi għall-kalkolu tal-perimetru tal-kosta;

(d) għall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta, fuq is-sit tal-web tal-Gvern jew mod ieħor ta’ informazzjoni b’żjieda għal dik li tinsab fir-reġistru rilevanti;

(e) biex jiġu speċifikati kif jistgħu jintużaw beni fid-demanju pubbliku, kull obbligu ta’ demanju pubbliku u kull jedd pubbliku jew privat fuqhom, u kull riserva jew restrizzjoni fuq dawk il-beni sabiex jintlaħqu aħjar l-għanijiet ta’ xi Riżoluzzjoni dwar id-Demanju Pubbliku jew Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni;

(f) dwar l-attijiet li jistgħu jsiru taħt din l-Iskeda;

(g) dwar id-drittijiet u r-rimedji biex jiġu protetti interessi privati fuq beni affettwati b’xi proċess li jimplimenta d-dispożizzjoinijiet ta’ din l-Iskeda;

(h) dwar il-pieni u r-reati fir-rigward ta’ beni fid-demanju pubbliku, inklużi reati li jirrigwardaw l-okkupazzjoni u l-użu ta’ beni fid-demanju pubbliku mingħajr awtorizzazzjoni, it-tiċħid tal-aċċess jew l-użu mill-pubbliku u d-drittijiet, li għandhom x’jaqsmu ma’ dan, għal danni u ħlas lura ta’ kull għotja:

Iżda kull piena kriminali li tista’ tiġi stabbilita b'regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu ma għandhiex taqbeż il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' sentejn jew multa ta' miljun euro jew il-multa u priġunerija flimkien; u

(i) ir-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet ta’ din l-Iskeda, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u d-dispożizzjonijiet ta’ liġijiet speċjali oħra.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(2) Xejn f'din l-Iskeda ma għandu jaffettwa d-dispożizzjonijiet ta', jew kull ħaġa li tkun saret jew li setgħet saret taħt:

Kap. 156. (a) l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Pitrolju;

Kap. 228. (b) l-Att dwar Żgumbrament minn Artijiet;

Kap. 268. (ċ) l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern;

Kap. 435. (d) l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

Kap. 445. (e) l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali;

Kap. 499. (f) l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

Kap. 504. (g) l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

Kap. 522. (h) l-Att dwar Reati kontra l-Ambjent;

Kap. 316. (i) l-Att dwar ir-Ratifika tad-Delimitazzjoni tal-Blata Kontinentali Bejn Malta u l-Libja;

Kap. 535. (j) l-Att dwar il-Blata Kontinentali;

Kap. 226. (k) l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa;

Kap. 423. (l) l-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

Kap. 425. (m) l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd;

(n) kull regolament magħmul, jew linji gwida jew avviżi maħruġin, taħt xi wieħed mill-Atti fuq imsemmija;

u kull liġi speċjali oħra li tista' tiġi msemmija mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet b'avviż fil-Gazzetta, u dak il-Ministru jista' minn żmien għal żmien, wara konsultazzjoni mal-Ministru msemmi f'dawk il-liġijiet, jekk ikun Ministru differenti, jagħmel regolamenti biex jistabbilixxi t-twettiq ta' kull waħda mid-dispożizzjonijiet, jew uħud minnhom, ta' dawk il-liġijiet speċjali fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, sabiex jiżgura li jintlaħqu l-għanijiet ta' din l-Iskeda u ta' dawk il-liġijiet u l-applikazzjoni kompatibbli tagħhom.".

VERŻJONI ELETTRONIKA



Dispożizzjonijiet transitorji.

**6.** (1) Fejn issir pretensjoni għal titoli jew jeddijiet privati fi proċeduri ċivili jew amministrattivi, li jinbdew f'xi żmien qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, fir-rigward ta' art fid-demanju pubbliku, dawk it-titoli u jeddijiet privati għandhom jiġu determinati skont il-liġi kif kienet applikabbli qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att sa meta jiġu finalment determinati mill-qorti jew tribunal rilevanti jew bi ftehim bejn il-partijiet.

(2) Fejn titoli jew jeddijiet privati fuq art li hi kkunsidrata li taqa' taħt id-demanju pubbliku u li tkun tal-Gvern ma jiġux reġistrati jew preservati skont l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet jew kull liġi oħra li tapplika li jkollha dak l-effett, jew ma ssirx pretensjoni dwarhom f'xi proċeduri kif imsemmija fis-subartikolu (1), mibdijin mhux aktar tard minn għaxar snin wara d-data msemmija, dawk it-titoli jew jeddijiet għandhom jitqiesu bħala sempliċi *encroachments* sal-limitu li jkunu qed jiġu tollerati jew jitqiesu li ma jeżistux bħala fatt ta' liġi jew jitqiesu li jkunu mod ieħor skadew.

Kap. 56.
Kap. 296.

L-emendi introdotti b'dan l-Att għandhom japplikaw fuq kull art fid-demanju pubbliku, bla ħsara għal titoli u drittijiet li huma hekk reġistrati.

(3) "Id-data msemmija" għandha tkun dik stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet permezz ta' avviż pubblikat fil-Gazzetta għal dak il-għan taħt l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku u, jew l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet u, jew kull liġi oħra li tapplika.

Kap. 56.
Kap. 296.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 311 tal-Kodiċi għandhom jgħoddu, skont it-termini tagħhom, mill-1 ta' Jannar, 2016, għal kull ħaġa li ssir fi jew wara dik id-data fuq il-perimetru tal-kosta jew fuq art fid-demanju pubbliku, kif imfissra fil-Kodiċi.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 384 tat-3 ta' Mejju, 2016.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*